REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1101

tas-6 ta' Ġunju 2023

li jirrifjuta l-awtorizzazzjoni ta' indikazzjoni dwar is-saħħa fuq l-ikel u li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel ([1]), u partikolarment l-Artikolu 17(3) tiegħu,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa li jsiru fuq il-prodotti tal-ikel huma pprojbiti sakemm ma jkunux awtorizzati mill-Kummissjoni f'konformità ma' dak ir-Regolament u inklużi f'lista tal-Unjoni ta' indikazzjonijiet permessi.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jipprevedi wkoll li l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-indikazzjonijiet dwar is-saħħa jistgħu jiġu sottomessi mill-operaturi tan-negozji tal-ikel lill-awtorità kompetenti nazzjonali ta' Stat Membru. L-awtorità kompetenti nazzjonali għandha tgħaddi l-applikazzjonijiet validi lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità").

(3) Wara li tirċievi l-applikazzjoni, l-Awtorità għandha tinforma mingħajr dewmien lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, u tagħti opinjoni fuq l-indikazzjoni dwar is-saħħa kkonċernata.

(4) Il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni tal-indikazzjonijiet dwar is-saħħa filwaqt li tikkunsidra l-opinjoni tal-Awtorità.

(5) Wara applikazzjoni mill-Istitut Internazzjonali għas-Saħħa Ambjentali u Pubblika ta' Ċipru, tal-Università tat-Teknoloġija ta' Ċipru, sottomessa skont l-Artikolu 14(1), il-punt (b), tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ntalbet tagħti opinjoni dwar is-sostanzjar xjentifiku ta' indikazzjoni dwar is-saħħa marbuta mal-ikel organiku u l-kontribut tiegħu għall-protezzjoni taċ-ċelloli u l-molekuli tal-ġisem (il-lipidi u d-DNA) mill-ħsara ossidattiva, u li l-popolazzjoni fil-mira tiegħu huma t-tfal b'saħħithom ta' bejn it-3 snin u l-15-il sena (il-Mistoqsija Nru EFSA-Q-2021-00055). L-indikazzjoni proposta mill-applikant kienet kif ġej: "L-ikel organiku (livelli aktar baxxi ta' residwi tal-pestiċidi minn dawk fl-ikel konvenzjonali) jikkontribwixxi għall-protezzjoni taċ-ċelloli u l-molekuli tal-ġisem (il-lipidi u d-DNA) mill-ħsara ossidattiva".

(6) Fl-20 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni u l-Istati Membri rċevew l-opinjoni xjentifika tal-Awtorità ([2]) dwar dik l-indikazzjoni. F'dik l-opinjoni, l-Awtorità nnotat li l-livell ta' residwi tal-pestiċidi meħtieġ biex l-ikel jiġi kkaratterizzat bħala "organiku" ma ġie speċifikat la fl-applikazzjoni u lanqas fl-istudji fuq il-bnedmin sottomessi għas-sostanzjar tal-indikazzjoni dwar is-saħħa, u kkonkludiet li, abbażi tad-*data* ppreżentata, l-ikel/l-"ikel organiku" kostitwenti, li huwa s-suġġett tal-indikazzjoni dwar is-saħħa, mhuwiex ikkaratterizzat biżżejjed u għalhekk ma tistax tiġi stabbilita relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum tal-ikel organiku u l-protezzjoni taċ-ċelloli tal-ġisem u l-molekuli (il-lipidi u d-DNA) mill-ħsara ossidattiva. Għaldaqstant, billi l-indikazzjoni dwar is-saħħa mhijiex konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 għall-inklużjoni fil-lista tal-Unjoni ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa permessi, jenħtieġ li ma tiġix awtorizzata.

([1]) ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9.
([2]) *EFSA Journal* 2021; 19(10):6847.

(7) Mal-pubblikazzjoni ta' dik l-Opinjoni, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment skont l-Artikolu 16(6) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-indikazzjoni dwar is-saħħa stipulata fl-Anness ta' dan ir-Regolament ma għandhiex tiġi inkluża fil-lista tal-Unjoni ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa permessi kif prevista fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Indikazzjoni dwar is-saħħa miċħuda

Applikazzjoni — Dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006	Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija tal-ikel	Indikazzjoni	Referenza tal-opinjoni tal-EFSA
Indikazzjoni dwar is-saħħa tal-Artikolu 14(1), il-punt (b) li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal	Ikel organiku	L-ikel organiku (livelli aktar baxxi ta' residwi tal-pestiċidi minn dawk fl-ikel konvenzjonali) jikkontribwixxi għall-protezzjoni taċ-ċelloli u l-molekuli tal-ġisem (il-lipidi u d-DNA) mill-ħsara ossidattiva	Q-2021-00055